**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Revoka Nru: 144/2018 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 978/2017

**L-Avukat Dr. Adrian Camilleri bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Apassionata World GmbH ta' Kantstrass 24, 10623 Berlin, Germany**

**vs**

**Davinci Publishing Limited (C-74053)**

**u**

**St. George Edition Limited (C-40902)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetajiet St. George Edition Limited u Davinci Publishing Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet biex:

1. Tordna t-thassir u r-revoka *contrario imperio* tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 978/2017 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-artikoli 836(1)(a), (b), (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lis-socjetà intimata sekwestranti thallas dawk il-penali li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 836(8)(b), u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mad-danni sofferti sforz il-hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru, ai termini tal-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Dr. Adrian Camilleri bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera Apassionata World GmbH li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha moghtija, din is-socjetà sostniet li t-talbiet ghandhom jigu michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi s-socjetajiet sekwestrati qed jitolbu thassir ta' mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghhom sabiex jigi kawtelat kreditu pretiz fil-konfront tas-socjetà sekwestrata.

Is-socjetajiet sekwestrati isejjsu t-talbiet taghhom fuq il-provvedimenti tal-ligi kif kontenuti fl-Art. 836(1)(a)(b) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fuq citati artikoli tal-ligi jipprovdu testwalment ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju, fost ohrajn:

> *"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret*

*kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*……*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Huma jinvokaw inoltre dak li tipprovdi l-ligi fl-Art. 843(2):

*"(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat: Iżda fejn il-ħruġ ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-oħra u l-parti li toħroġ il-mandat tkun bdiet il-proċeduri quddiem il-qorti, il-perjodu hawn fuq imsemmi jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tiġi awtorizzata tipproċedi mill-qorti imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proċeduri jiġu rtirati jew abbandunati.*

*(2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha."*

Huma jsostnu li galadarba l-mandat kawtelatorju ma giex segwit b'kawza, dan ghandu jithassar.

Jirrizulta illi s-socjetà sekwestranti istitwiet fil-konfront tas-socjetajiet sekwestranti procedura fil-Qrati tedeski msejjha "petition for issuance of a payment order". Debitur f'dak il-kaz ikollu terminu ta' gimghatejn sabiex joggezzjona ghall-hrug tal-ordni. Meta ssir tali oggezzjoni l-procedura tigi sospiza

sakemm il-kreditur ma jibdiex proceduri normali ghal dak li jkun qed jippretendi. Fil-kaz in ezami jirrizulta minn ricerka fil-Qrati tedeski, ma tressqet ebda kawza wara li saru l-oggezzjonijiet.

Parir legali wkoll ta' avukati tedeski esibit in atti mill-istess socjetà sekwestranti jikkonferma kif gej:

*"1. The German law proceedings that were initiated by the Application for Payment Order are still in effect.*

*2. The German law proceedings initiated by the Application for Payment Order are only suspended but not terminated by effect of the Opposition to the Payment Order.*

*3. The German law proceedings initiated by the Application for Payment Order will be continued as soon as one party applies for legal proceedings to be implemented that are to determine whether or not the claim is justified."*

Parir legali minn avukati tedeski ghas-socjetajiet sekwestrati jikkonferma, u dan wara ricerka fil-Qrati tedeski:

*"Thus, under the applicable Filing Regulation for the Local Court Wedding, as of today the file for the court proceeding for a payment order initiate by HKLW's application of July 04, 2017 (a copy of which was presented to the Court in Malta in order to obtain Garnishee Order 978/17) is finally archived. If a file for a acourt proceeding for a paymnet order is archived, it is deemed no more to be an actively pending case and all the documents and data to such case are erased after two years (except in the case of a writ of execution, where the documents and data are kept 30 years, but such writ of execution cannot be achieved in this case due to the opposition of DV and SGE – see under 3., a) and c) of our legal opinion of January 18, 2018) (see Sec. 1 par. 1 and No. B., 12 of the attachment of Resolution on storage of documents published in the*

*Journal on Laws and Regulations for Berlin of April 16, 2010, last amendment with resolution of August 2, 2013)."*

Il-Qorti ma ssib ebda konflitt fil-pariri tal-avukati esteri u lanqas id-difensuri rispettivi ma jikkontestawhom. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tqis li d-dettam tal-artikolu 843(2) tal-Kap. 12 jinsab sodisfatt fis-sens li ma jezistux proceduri pendenti biex jikkonfermaw il-kreditu. Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba tas-socjetajiet sekwestrati hija gustifikata kemm skond l-Art. 836(1)(a) u kif ukoll (1)(f). Ghalhekk din il-Qorti ser tordna thassir tal-mandat.

Is-socjetajiet sekwestrati fit-talba taghhom jitolbu wkoll penali ai termini tal-Art. 836(8)(b) u/jew (d) flimkien ma' danni ai termini tal-Art. 836(9) tal-Kap. 12.

Ghal dak li ghandhom x'jaqsmu mal-imposizzjoni ta' penali kif qed jigu mitluba, din il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Refalo vs Calibre Consultants Limited et (13 ta' Awwissu 2015) fejn gie kjarament enuncjat:

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[1], iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja*

[1] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.**

*hekk kien jimponilha*[2]*. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż*[3]*."*

Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tirriskontra ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fil-ligi kif citati mir-rikorrenti odjerni. Inoltre ghar-rigward tat-talba ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, din il-Qorti tenfasizza l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati li jsostnu li talba ta' din ix-xorta ghandha ssir f'kawza *ad hoc* u m'ghandhiex tigi inkluza fi procedura bhal dik odjerna. Il-Qorti tirreferi partikolarment f'dan il-kuntest ghad-digriet recenti ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited deciza fit-23 ta' Awwissu 2018:

*"Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi lartikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 talKodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ*[4]*."*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi thassar il-mandat ta' sekwestru 978/2017.

L-ispejjez jithallsu minn Apassionata World GmbH.

IMHALLEF

[2] App. Civ. **13.3.2001** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**
[3] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe et**
[4] Ara P.A.(Fam) LM **8.6.2017** fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Marija Saliba vs Joseph Saliba**